MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 667/2010

Matthew Vella ezercenti l-kummerc bl-isem Sierra Book Distributors (K.I. 220774M).

Vs

Pierre Nani (K.I. 718562M) u Maria Lorraine sive Lorraine Bartolo (K.I. 185358M), it-tnejn ezercenti l-kummerc bl-isem Lolita Book Shop.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgha u sebghin ewro u disa u ghoxrin centezmu (€2,674.29) minghand il-konvenuti, rapprezentanti prezz ta' merce mibjugha u debitament konsenjata lill-konvenuti fuq ordni taghhom stess, imma ghal liema konsenja ma sarx hlas minkejja bosta interpellazzjonijiet. Bl-imghax kummercjali ai termini tal-Avviz Legali 233 tal-2005 mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat fit-30 ta' April 2010, kif ukoll dawk

tal-ittri legali datati 14 ta' Lulju 2008, 5 ta' Awissu 2008, 18 ta' Awissu 2008 u 14 ta' April 2009, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2010 fejn deheru l-konvenuti u ammettew t-talba attrici kif dedotta kontra taghhom.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenuti, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenuti jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgha u sebghin ewro u disa u ghoxrin centezmu (€2,674.29), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------